# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta’ Mejju 2023**

**Rikors Numru 164/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr Athur Azzopardi bħala mandatarju speċjali ta’ l-assenti Milena Petrova Dobreva, detentriċi ta' Passaport Bulgaru 382797144 u karta ta' l-identita' Maltija 0073351A**

**Vs**

**Elton Mamo (ID 278186 M)**
**u**
**Billy Joe Mc Bee (ID 147285M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta’ Frar 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti bħala Mandatarju Speċjali talab is-segwenti:

    *Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża*

    1. *Ir-rikorrenti Milena Petrova Dobreva hija proprjetarja tal-fond Flat 1, 63, Triq il-Kapuċċini, Floriana.*

    2. *2. L-intimat Billy Joe Mc Bee (li inċidentalment kien/huwa is-sieħeb tal-intimat Elton Mamo) għan-nom u in rappreżentanza tar-rikorrenti Milena Petrova Dobreva, iffirma konvenju mall-intimat Elton Mamo, datat 8 ta' Novembru 2018, quddiem in-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri, fejn inter alia, għan-nom tal-istess rikorrenti intrabat li jbiegħ u jittrasferixxi favur l-intimat Elton Mamo, li minn naħa tiegħu, inter alia,*

*ntrabat li jixtri u jakkwista, l-fond Flat 1, 63, Triq il-Kapuċċini, Floriana, jew kif inhu aħjar deskritt fil-konvenju surriferit.*

3. *L-intimat, Billy Joe Mc Bee, iffirma l-imsemmi konvenju għan-nom tar-rikorrenti abbażi u bis-saħħa ta' prokura speċjali fdata lilhu mill-istanti rikorrenti, datata 2 ta' Settembru 2018, quddiem in-Nutar Andrea Micallef, fejn permezz tagħha huwa ġie awtorizzat biss sabiex jiffirma l-konvenju relatat mat-trasferiment tal-istess fond.*

4. *Jirriżulta li l-intimat Billy Joe Mc Bee, eċċeda l-poteri mogħtija lilu mir-rikorrenti Milena Petrova Dobreva, u spiċċa sabiex irranġa prezz li huwa aktar favorevoli għall-intimat Elton Mamo; ġie kuntrattat prezz differenti minn dak oriġinarjament maqbul bejn r-rikorrenti Milena Petrova Dobreva u l-intimat Elton Mamo. Il-korrispettiv li hemm indikat fl-imsemmi konvenju, ma huwiex veritier, filfatt riedu l-intimati — u l-intimati biss — sabiex jottjeni forma ta' sussidju mill-Awtorita tad-Djar u mill-Bank of Valletta p.l.c. (Home Assist Scheme). Pendenti, quddiem dina l-Onorabbli Qorti, fil-konfront tar-rikorrenti, hemm kawża ntavolata mill-intimat Elton Mamo, sabiex tali konvenju jiġi enfurżat, liema kawża iġġib l-ismijiet ta' "Mamo Elton vs Kuraturi Deputati" (326/2019 FDP)*

5. *Inoltre u mingħajr pregudizzju għall-premess, l-konvenju imsemmi huwa afflitt minn kawża illeċita u sar bi frodi u b'għemil qarrieqi, u b'abbuż ta' prokura għad-dannu tal-assenti rikorrenti.*

6. *B'kawża tal-aġir illegali tal-intimati, ir-rikorrenti sofriet danni, inklużi f'dawn spejjeż ta' telf ta' qliegħ.*

7. *L-intimati gew interpellati, mir-rikorrenti nomine, sabiex jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, permezz ta' żewgt ittri gudizzjarji datati 21 ta' Mejju 2019 (1993/19) u 30 ta' Mejju 2019 (1990/19), rispettivament, filwaqt li l-intimat Elton Mamo, ġie interpellat jersaq għar-rixessjoni tal-konvenju datat 8 ta' Novembru 2018. B'dana kollu l-intimati baqgħu inadempjenti.*

8. *Milena Petrova Dobreva, taf b'dawn il-fatti personalment.*

*Raġuni tat-Talba*

*1. Għaldaqstant kellha issir din il-kawża.*

*Talbiet:*

*Jgħidu għalhekk l-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:-*

1. *tiddeċiedi u tiddikjara li għar-raġunijiet premessi u dawk li ser jirriżultaw fil-mori tal-kawża li l-intimat Billy Joe Mc Bee, abbuża u/jew aġixxa 'l hinn mill-poteri mogħtija lilu permezz tal-prokura speċjali datata 2 ta' Settembru 2018, magħmula quddiem in-Nutar Andrea Micallef;*

2. *tiddeċiedi u tiddikjara li l-intimati Elton Mamo u Billy Joe Mc Bee, aġixxew bi frodi u/jew b'għemil qarrieqi meta iffirmaw il-konvenju datat 8 ta' Novembru 2018, quddiem in-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri;*

3. *Konsegwentement, tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenju redatt nhar it-8 ta' Novembru 2018, quddiem in-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri, iffirmat min Elton Mamo u Billy Joe Mc Bee, bħala null u mingħajr effett;*

4. *tiddeċiedi u tiddikjara li b'kawża tal-aġir tal-intimati, jew min minnhom ir-rikorrenti sofriet danni;*

5. *tiddikjara u tillikwida dawk id-danni hekk imġarrba mir-rikorrenti, b'konsegwenza tal-aġir tal-intimati;*

6. *tordna lill-intimati, jew min minnhom jħallsu dawk id-danni hekk likwidati.*

*Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż kompriża dawk tal-ittri ġudizzjarji datati 21 ta' Mejju 2019 (1993/19) u 30 ta' Mejju 2019 (1990/19) rispettivament bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2019, l-intimati Elton Mamo u Billy Joe Mc Bee laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

1. *ILLI l-esponenti Billy Joe Mc Bee, filwaqt illi jikkonferma illi huwa deher fil-konvenju għan-nom tar-rikorrenti, kif debitament awtorizzat, daħal f'konvenju ma' Elton Mamo. Ir-rikorrenti Dobreva kienet il-ħin kollu qed issegwi x'qed jiġri fuq live transcript; għalhekk l-esponenti Billy Joe Mc Bee jiċħad illi eċċeda l-poteri tiegħu, li aġixxa b'mod mhux proprju;*

2. *ILLI l-esponenti McBee jiċħad ukoll illi l-konvenju fuq imsemmi huwa afflit minn kawża illeċita jew sar bi frodi u egħmil qarrieqi u b'abbuż ta' prokura;*

3. *ILLI l-esponenti Mc Bee jiċħad ukoll illi kkawża xi danni lir-rikorrenti Dobreva;*

4. *ILLI 1-esponenti Elton Mamo, jiċħad illi l-konvenju kien vizzjat bi frodi, egħmil qarrieqi u jew/null: huwa jqis il-konvenju perfettament validu u legali, tant illi istiwixxa proċedura, pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, biex jiġi enforzat il-konvenju;*

5. *ILLI l-esponenti Elton Mamo jiċħad u jikkontesta illi kkawża xi danni lir-rikorrenti;*

> 6. *ILLI ż-żewġ intimati għalhekk iwieġbu illi t-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-Dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet oħra u bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi inkluża dik tad-danni.*

**Provi**

3. Rat illi fit-18 ta' Jannar 2022, il-kawża nġiebet quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, sabiex tinstema' kontestawalment mal-kawża Rikors Ġuramentat Nru 326/2019 fl-ismijiet inversi illi għandha l-istess meritu, ossija l-validita' o meno tal-konvenju datat 8 ta' Novembru 2018.

4. Rat illi fit-18 ta' Jannar 2022, il-partijiet qablu illi l-provi kollha li nġabru fil-kawża 326/2019 FDP fl-ismiijet inversi japplikaw għall-kawża odjerna wkoll.

5. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

6. Rat l-affidavit ta' **Elton Mamo** ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2019. (Rik Ġur 326/2019 - fol 54)

7. Rat ż-żewġ affidavits ta' **Billy Mc Bee**, ippreżentati fl-14 ta' Novembru 2019. (Rik Ġur 326/2019 - fol 67)

8. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Brenda Jane Camilleri**, mogħtija fil-11 ta' Frar 2020 (Rik Ġur 326/2019 - fol 76) kif ukoll il-vera kopja tal-konvenju datat 8 ta' Novembru 2018. (Rik Ġur 326/2019 - fol 82 - 88)

9. Semgħet ix-xhieda ta' **Andrew Xuereb**, rappreżentant tal-Awtorita' tad-Djar, mogħtija fil-11 ta' Frar 2020 (Rik Ġur 326/2019 - fol 89) kif ukoll il-ftehim ta' sussidju illi r-rikorrent kien laħaq mal-Awtorita' tad-Djar fis-6 ta' Novembru 2018. (Rik Ġur 326/2019 - fol 99)

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Adrian Buttigieg**, rappreżentant tal-Bank of Valletta plc, mogħtija fil-11 ta' Frar 2020 kif ukoll d-dokumentazzjoni kollha relatati mal-għoti ta' self da' parte tal-Bank, inkluż is-Sanction Letter datata 11 ta' Diċembru 2018. (Rik Ġur 326/2019 - fol 109- 113)

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Caroline Mifsud**, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Property Tax fi ħdan l-Uffiċċju tat-Taxxi Interni mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2020 u rat id-dokumentazzjoni minnha eżebita, ossija reġistrazzjoni tal-Konvenju bil-konvenju miegħu anness. (Rik Ġur 326/2019 - fol 132)

12. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Elton Mamo mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2020 (Rik Ġur 326/2019 - fol 145) u l-affidavit ulterjuri tiegħu ppreżentat waqt ix-xhieda tiegħu (Rik Ġur 326/2019 - fol 150 sa 158) in konnessjoni mal-Istatement mhux maħluf ippreżentat minn Milena Dobreva mar-risposta ġuramentata (Rik Ġur 326/2019 - fol 43) u riprodotta mir-rikorrent a fol 159, affidavit ulterjuri ieħor a fol 334 sa 346) kif ukoll id-dokumentazzjoni eżebiti, fosthom "chat" minn fuq "*Facebook Messenger*" dakinhar illi

ġie ffirmat il-konvenju bejn Milena Dobreva u Billy Mc Bee (Rik Ġur 326/2019 - fol 164 – 166) u korrispondenza oħra illi saret bl-istess modalita'.

13. Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

14. Rat l-affidavit ta' **Milena Petrova Dobreva**, ġia eżebit flimkien mar-risposta ġuramentata, u issa eżebit formalment fit-3 ta' Diċembru 2020 u debitament maħluf. (Rik Ġur 326/2019 - fol 353 - 355)

15. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Elton Mamo illi saret fit-23 ta' Frar 2021. (Rik Ġur 326/2019 - fol 357 - 371).

16. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Billy Joe Mc Bee illi saret fl-20 ta' Settembru 2021 (Rik Ġur 326/2019 - fol 382 – 396) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita. (Rik Ġur 326/2019 - fol 397 sa 465)

17. Semgħet ix-xhieda in ri-eżami u kontro eżami ulterjuri ta' Billy Joe Mc Bee, illi saret fit-18 ta' Jannar 2022. (Rik Ġur 326/2019 - fol 473 - 475).

18. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Milena Petrova Dobreva, illi saret permezz ta' Video Conferencing fit-18 ta' Jannar 2022. (Rik Ġur 326/2019 - fol 463 – 472)

19. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Andrew Xuereb mogħtija fis-7 ta' April 2022. (Rik Ġur 326/2019 - fol 477 – 479)

20. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami tan-Nutar Brenda Jane Camilleri Vella illi saret permezz ta' Video Conferencing fit-22 ta' Ġunju 2022. (Rik Ġur 326/2019 - fol 481 – 483)

21. Semgħet ix-xhieda in ri-eżami ta' Milena Dobreva illi saret permezz ta' Video Conferencing fit-22 ta' Ġunju 2022 (Rik Ġur 326/2019 - fol 491 – 492) u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita dakinhar. (Rik Ġur 326/2019 - fol 484 sa 490)

22. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2022, il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi u li għalhekk il-kawża setgħet titħalla ghas-sottomissjonijiet finali.

23. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentati fl-1 ta' Novembru 2022. (Rik Ġur 326/2019 - fol 494 – 498)

24. Rat is-sottomissjonijiet tal-intimat Mandatarju ppreżentati fis-26 ta' Jannar 2023. (Rik Ġur 326/2019 - fol 500 – 503 )

25. Rat illi fis-26 ta' Jannar 2023, il-kawża tħalliet ghas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

26. Jirriżulta illi r-rikorrenti Milena Petrova Dobreva, illi għaliha qiegħed jidher bħala Mandatarju tagħha Dr Arthur Azzopardi, hija propretarja tal-fond ossija appartament Nru 1, fuq l-ewwel u tieni sular ta' blokk ta' appartamenti numerati 60 u 63, Triq il-Kapuċċini, Floriana.

27. Jirriżulta illi fit-8 ta' Novembru 2018, hija daħlet f'konvenju ta' bejgħ ma' l-intimat Elton Mamo, sabiex tbiegħlu l-istess fond versu l-prezz ta' €107,000, liema bejgħ kellu jsir sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2019. (fol 82)

28. Jirriżulta illi għal tali konvenju, deher għan-nom tagħha persuna illi ż-żewġ partijiet kienu jafu, ossija l-intimat Billy Mc Bee, li Milena Dobreva kienet tat il-prokura lilu biex jagħmel il-konvenju għan-nom tagħha, u li magħha huwa kien qiegħed jikkomunika il-ħin kollu sa meta sar il-konvenju, kif ukoll saħansitra waqt l-iffirmar tal-konvenju, fejn hija kienet fuq it-telefon miegħu hekk kif qed jinqara il-konvenju.

29. Jirriżulta illi preċedentement, fl-24 ta' Lulju 2017, Milena Petrova Dobreva kienet ġia kriet il-fond għall-perjodu indefinit, b'effett mill-1 ta' Settembru 2017, versu l-kera mensili ta' €350, fejn fost affarijiet oħra, l-partijiet kienu ftehmu illi "*in the event of the renter wanting or desire to buy the property in question, given that the owner wishes to sell, the renter gets full priority of a purchase proposal.*" (fol 48)

30. Jirriżulta illi wara li, sa minn qabel ma ġie ffirmat il-konvenju, l-intimat Elton Mamo beda jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex iġib l-assistenza meħtieġa mingħand l-Awtorita' tad-Djar kif ukoll il-loan mingħand il-Bank of Valletta.

31. Jirriżulta, di fatti, illi fis-6 ta' Novembru 2018, ossija qabel ma ġie ffirmat il-konvenju, huwa kien ġia daħal fi ftehim mal-Awtorita' tad-Djar, fejn din kienet ser tassistieh bil-ħlas, fuq bażi annwali, ta' €1,600 mill-pagamenti rateali illi huwa kien ser ikollu jagħti lill-Bank hekk kif jottjeni s-self. (fol 99)

32. Jirriżulta illi, sussegwentement, fil-11 ta' Diċembru 2018, huwa ottjena s-Sanction Letter mill-Bank of Valletta fejn kkonfermaw illi kienu disposti jagħtuh loan sas-somma ta' €106,920 għall-akkwist tal-fond ta' Dobreva. (fol 109)

33. Jirriżulta illi, sussegwentement, beda jsir skambju bejn il-partijiet, fejn ir-rikorrenti Dobreva kienet qed tinsisti illi l-bejgħ kellu jsir għall-prezz ta' €130,000 filwaqt illi l-intimat Mamo beda jisħaq illi s-somma oriġinalment diskussa kienet ta' €120,000, li sussegwentement ġiet ridotta in vista ta' xogħolijiet u spejjeż illi huwa kien għamel fil-fond hekk kif kienu ilhom jgħixu fih b'mod indefinit għall-aktar minn sena u nofs.

34. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti Dobreva bdiet theddu sabiex joħroġ milll-fond peress illi l-kuntratt ta' ftehim ta' kera ma kienx wieħed validu u kien qed jiġi tterminat.

35. Jirriżulta illi hekk kif waslet il-ġimgħa sabiex jiġi finalizzat il-kuntratt ta' akkwist, Dobreva baqgħet tinsisti illi r-rikorrent kellu jħallasha €130,000 u mhux is-somma ta' €107,000 illi kienet stabbilita fil-konvenju, u sussegwentement irrifjutat illi tidher għall-bejgħ finali.

36. Jirriżulta illi, eventwalment, fit-28 ta' Marzu 2019, l-intimat nieda l-proċeduri 326/2019 FDP fl-ismjiet Elton Mamo vs Dr Arthur Azzopardi noe, li qed jinstemgħu u jiġu deċiżi kontestwalment mal-kawża odjerna.

37. Jirriżulta illi, nel frattemp, fil-21 ta' Mejju 2019 u fit-30 ta' Mejju 2019 ġew ippreżentati żewġ ittri uffiċjali kontra l-intimati għad-danni kif ukoll għar-rexissjoni tal-konvenju.

38. Jirriżulta illi, eventwalment, fl-24 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti nediet dawna l-proċeduri, għalkemm kien hemm ġia il-proċeduri 326/2019 ġia pendenti.

**Ikkunsidrat**

39. Jirriżulta illi fil-kawża odjerna, ir-rikorrenti prinċipalment talbet lill-Qorti tlett affarijiet, ossija:

    a. Li jiġi dikjarat li l-intimat Billy Joe Mc Bee aġixxa 'l hinn mill-poteri lilu mogħtija permezz ta' prokura speċjali tat-2 ta' Settembru 2018.
    b. Li jiġi dikjarat illi l-intimati Elton Mamo u Billy Joe Mc Bee iffrodaw lir-rikorrenti meta sar il-konvenju.
    c. Li għalhekk il-konvenju jitħassar w l-intimati jiġu ordnati jħallsu għad-danni sofferti mir-rikorrenti Milena Petrova Dobreva.

40. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, l-intimati qegħdin jilqgħu għal dak mitlub billi jqajjmu żewġ difiżi:

    a. Illi l-konvenju ma huwiex afflit minn kawża illeċita jew frodi, u huwa validu.
    b. Illi ebda danni ma huma dovuti.

**Konsiderazzjonijiet**

41. Jirriżulta illi r-rikorrenti tikkontendi illi l-intimat Billy Joe Mc Bee abbuża mill-prokura tiegħu u, flimkien ma' l-intimat Elton Mamo, qarrqu biha meta ffirmaw il-konvenju, u għalhekk il-konvenju kellu jitqies bħala null.

42. Jirriżulta illi hi tikkontendi illi l-intenzjoni wara il-konvenju finali kien illi l-intimata Dobreva titħallas is-somma ta' €130,000, liema somma hija dejjem kienet talbet mingħand Elton Mamo, u dana wara illi Elton Mamo jottjeni loan tal-Gvern ta' mhux aktar minn €120,000.

43. Hi tinsisti li qatt ma tat permess lil Billy Joe McBee, illi kien ukoll il-partner ta' l-intimat l-ieħor Elton Mamo, sabiex jidħol f'konvenju ta' €107,000 peress illi hija dejjem riedet €130,000.

44. Jirriżulta, madanakollu, illi dina l-asserzjoni tagħha hija ċarament kontradetta minn dokument iffirmat mill-istess rikorrent ftit jiem qabel. Di fatti, hekk kif bdew għaddejjin il-preparamenti għall-bejgh tal-fond lir-rikorrenti u kienu qed isiru l-arranġament biex jiġi ffirmat il-Konvenju, hi ffirmat "*Customer Due Diligence Form*" man-Nutar Pubbliku, fejn iddikjarat illi l-fond kien ser jinbiegħ versu l-prezz ta' €106,000. (Rikors Ġur Nru 326/2019 - fol 209)

45. Għalhekk, hija kemmxejn inverosimili kif ir-rikorrenti tikkontendi li Mc Bee abbuża mill-poteri tiegħu u għarraf biha biex iffirma konvenju għal €107,000 meta kienet HIJA STESS illi ffirmat dokument fejn iddikajrat, b'mod volontarju u liberu, illi l-fond kien qiegħed jinbiegħ għal €106,000.

46. Jirriżulta wkoll ben ippruvat illi dakinhar tal-iffirmar tal-konvenju, ossija t-8 ta' Novembru 2018, l-intimat Billy Joe Mc Bee kien f'kuntatt kontinwu mar-rikorrenti, fejn kien qed jgħarrafha b'kollox u saħansitra kkomunikaw telefonikament fejn, fost affarijiet oħra, r-rikorrenti insistiet illi l-kuntratt finali kellu jsir fi żmien tlett xhur, u mhux sitt xhur kif inhi l-prassi.

47. Għalhekk, ma jista' jkun hemm ebda dubju illi r-rikorrenti kienet ben konxja ta' dak kollu illi kien qed isir minn Mc Bee u kienet ukoll ben konxja illi l-konvenju kien għal €107,000.

48. Għandu jingħad illi ftit wara l-iffirmar tal-konvenju, l-intimat Mamo irnexxielu jottjeni self ta' ftit aktar minn dak indikat fid-due diligence form, ossija €106,920, illi kien ftit anqas minn dak attwalment miftiehem fil-konvenju illi sar fit-8 ta' Novembru 2018, ossija ta' €107,000.

49. Din il-Qorti, finalment, ma tistax ma tosservax ukoll illi, hekk kif l-intimata bdiet iżżid id-doża ta' pressjoni fuq ir-rikorrent sabiex jakkwista l-fond għall-prezz ta' €130,000 u mhux dak ta' €107,000 minnha originalment miftiehem, permezz ta' email datata 31 ta' Jannar 2019, minnha stess eżebit a fol 485, kienet irċeviet offerta għall-istess appartament ta' €150,000, fejn hija stess kienet għarrfithom illi kienet qed tistenna biex tara jekk il-bejgħ finali kienx ser isir. (fol 485)

50. Il-Qorti, għalhekk, ma għandha ebda dubju illi r-rikorrenti Dobreva kienet ben a korrent ta' kull azzjoni illi kien qed issir, iżda issa, hekk kif intebħet illi setgħet tottjeni aktar flus minn dak miftiehem ma' Elton Mamo, qiegħda tittenta toħroġ mill-obbligi minnha assunti liberament, a skapitu ta' l-intimat.

51. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-każ tar-rikorrenti ma ġiex ippruvat filwaqt illi l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati lkoll jimmeritaw illi jintlaqgħu.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimata, u għalhekk:

**Tiċħad** t-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti kif rappreżentata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**